# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 6 ta' April 2017**

**Rikors Numru: 241/2014/JPG**
**Kawza Numru: 16**

**Avv Dr. Joseph Mizzi (ID 29787 (G))**
**ghan-nom u in rapprezentanza ta'**
**Maria Mifsud (K.I. Nru. 772936 (M))**
**u b'digriet tas-16 ta' Frar 2015**
**gie estromess Dr. Joseph Mizzi**
**u assumiet l-atti Maria Mifsud**

**Vs**

**Emanuel Micallef (K.I. Nru. 835553 (M)) u**

**Saviour Micallef (K.I. Nru. 593962 (M))**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Dr. Joseph Mizzi ghan nom u in rapprezentanza ta' Maria Mifsud tal-25 ta' Marzu 2014 li jaqra hekk:

1. *"Illi l-attrici selfet is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73), brevi manu, lill-konvenuti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru 2008 skond skrittura privata hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;*

2. *Illi hekk kif indikat fl-imsemmija skrittura s-somma mislufa kellha tigi restitwita lill-attrici fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu 2010, izda,l-imsemmija skrittura giet estiza sas-sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu 2012, kif indikat bil-kitba fuq l-istess skrittura;*

3. *Illi mid-data ta' l-iskrittura saru erba' (4) pagamenti kif hawn indikat:*

i. *Pagament fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu 2009 ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), rapprezentanti elf tmien mija u tlieta u sittin Ewro u hamsin centezmu (€1836.50) imghax u erba' mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) kapital;*

ii. *Pagament fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu 2010 ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) rapprezentanti elf tmien mija u tlieta u sittin Ewro u hamsin centezmu (€1836.50) imghax u erba' mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) kapital;*

iii. *Pagament fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu 2011 ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) rapprezentanti elf tmien mija u tlieta u sittin Ewro u hamsin centezmu (€1836.50) imghax u erba' mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) kapital;*

iv. *Pagament fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu 2012 ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) rapprezentanti elf tmien mija u tlieta u sittin Ewro u hamsin centezmu*

*(€1836.50) imghax u erba' mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) kapital;*

4. *Illi l-isemmi self sar verzu imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribli mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu 2008, bl-ewwel pagament issir fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu 2009, hekk kif indikat fl-istess skrittura;*

5. *Illi mill-pagamenti hawn fuq indikati ghandha titnaqqas s-somma ta' elf tmien mija u tlieta u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,853.48) mill-kapital misluf u ghalhekk is-somma dovuta mill-konvenuta hija ta' wiehed u ghoxrin elf erba' mija u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€21,430.25);*

6. *Illi l-konvenuti huma ghalhekk debituri ta' l-attrici fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf erba' mija u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€21,430.25);*

7. *Illi l-imsemmi ammont ta' wiehed u ghoxrin elf erba' mija u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€21,430.25) huwa dejn cert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt, mill-konvenuti lill attrici u ghalhekk fil-fehma ta' l-attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12, tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess attrici, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont;*

8. *Illi ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa ma thallasx mill-konvenuti u ghalhekk kellha issir din il-kawza;*

9. *Illi fl-umli fehma ta' l-attrici, l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jaghtu ghat-talbiet tal-attrici;*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

1. *Taqta il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal- Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara illi l-intimati Emanuel u Saviour Micallef huma debituri ta' l-attrici ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf erba' mija u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€21,430.25) ghal hlas ta' self brevi manu;*

3. *Tikkundanna lill-intimati Emanuel u Saviour Micallef sabiex ihallsu lill-attrici is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf erba' mija u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€21,430.25 ) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati;*

   *Bl-ispejjes u l-imghaxijiet kontra l-intimati li jibqaw ngunti minn issa ghas-subizzjoni"*

Rat id-digriet tas-27 ta' Marzu 2014 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar il-Hamis tal-24 t'April 2014 fid-9.30am;

Rat ir-risposta ta' Emanuel Micallef tas-26 ta' Mejju 2014 (a fol. 20) li taqra hekk:

1. *"Illi fl-ewwel lok stante li Maria Mifsud hija residenti Malta kienet hi li kellha tintavola r-rikors u mhux Dr. Joseph Mizzi,*

2. *Illi fit-tieni lok u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont kif inhu mitlub gja thallas u ma hemm xejn bhala bilanc li huwa dovut jew li ghandu jithallas;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan is-self kellu jigi mhallas sas-26 ta' Awissu 2010 u dan ma sarx u l-anqas ma intalab li jithallas sa dak iz-zmien u ghalhekk il-bilanc mhux dovut.*

   *Salv risposta ulterjuri"*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokument u l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**Saviour Micallef** xehed **in subizzjoni** a fol 23A *et seq* illi r-rikorrenti tigi l-kunjata tieghu li fl-2008 kienet regghat selfet lill-intimati somma ekwivalenti ghal Lm10,000 u dan permezz ta' skrittura skont liema kelhom ihallsuhom fi zmien sentejn. **Mistoqsi mill-Qorti jekk hallsux wiegeb illi l-kapital ma hallsux u hallsu dejjem tal-ammont tal-interessi, u dan billi jghaddu l-ekwivalenti ta' circa Lm1,000. Fuq mistoqsija direttisma tal-avukat difensur tar-rikorrenti imbaghad ikkonferma illi mid-data tal-iskrittura l-intimati hallsu s-somma ta' €2,300 maqsumin fi tnejn, u cioe interessi u kapital**, u ghalhekk ikkonferma li r-rikorrenti ghandha tiehu l-flus minghandhom.

**In kontro-ezami** a fol 23B *et seq* xehed illi l-imghax kien bit-8%. Xehed illi huma kienu jhallsu lir-rikorrenti Lm1,000 fis-sena u li r-rikorrenti kienet taghmel ricevuta wahda ghal Lm1,000 kull darba, u d-differenza kienet titnaqqas mill-kapital. Xehed illi dan il-pagament kien jaghmluh kull sena mill-2008. Mistoqsi rigward pagameni li ghamlu qabel, wiegeb illi dawn kienu sar fuq skrittura ohra u kienu jghaddu lir-rikorrenti ammont ta‘ flus fuq l-ammont li kienet sellfithom. Xehed illi hu ma zammx kopja tar-ricevuti. Xehed ukoll **illi s-self kien originarjament inghata fl-1990**, u s-self kien proprjament inghata minn Agostino Mifsud dak iz-zmien, u kienu jhallsu Lm1,000 kull sena. Misoqsi kif kienet tahdem is-sistema spjga illi "***it-ten thousand ghax kull sena kien jaqa' l-kuntratt ta' l-iehor u kien jerga jtina l-ghaxart elef ghax kull sena kienet issir il-karta, niffirmawha u ten thousand***."

**In ri-ezami** a fol 23H ikkonferma illi fl-iskrittura tal-2008 kienu accettaw li sselfu somma ekwivalenti ghal Lm10,000.

**Maria Mifsud** xehdet permezz ta‘ affidavit a fl 25 *et seq* illi hija tigi omm il-mara tal-intimat Saviour Micallef li jigi hu l-intimat l-iehor Emanuel Micallef. Xehdet illi Saviour Micallef kien mar ghandha u qalilha li hu u huh kienu bdew negozju u

kellhom bzonn jiselfu xi flus, u peress li kien ir-ragel ta' bintha kienet selfihom is-somma ta' €23,293.73. **Spjegat li dan is-self kien sar fl-1990** u kienu ftehmu li ser ihallsu l-imghax bir-rata ta' 8%. Imbaghad fis-sena 2008 kienet qaltilhom li kellha bzonn il-flus fi zmien sentejn u ghalhekk kien ghamlu skrittura f'Settembru 2009 b'dan il-ftehim. Skont din l-iskrittura l-intimati kienu jhallsu s-somma ta' €2,329.37, rapprezentanti €1,836.50 imghax u €465.87, u l-ewwel pagament kien sar fil-25 ta' Awissu 2009. F'Awissu tal-2010 u cioe meta hi kellha tigbor is-somma kollha, kienu ftehmu li jergu igeddu l-iskrittura biex b'hekk il-kapital kellu jithallas kollha sas-26 ta' Awissu 2012. Hija kkonfermat illi l-intimat ghamlu pagamenti fl-2009, 2010 u 2012 ta' €2,329.37, rapprezentanti €1,836.50 imghax u €465.87. Fl-2012 imbaghad talbet is-somma kollha, izda l-intimati baqghu ma hallsuhiex u kien ghalhekk li kellha tintavola dawn il-proceduri.

**In kontro-ezami** a fol 73 *et seq* xehdet illi kien ir-ragel taghha li sellef il-flus lill-intimati, fl-ammont ta' Lm10,000. Ikkonfermat illi l-intimati kienu jhallsuha Lm1,000 fis-sena, u dawn kienu biss ghall-imghax. **Mistoqsija x'bilanc baqa' dovut wiegbet "*Xejn ma tawni minnhom l-ghaxart elef.*"**

**In-Nutar Antoine Agius** xehed a fol 35A *et seq* u kkonferma illi l-iskrittura privata esebita a fol 6 tal-process kienet saret minnu u li kien hemm estensjoni sas-26 ta' Awissu 2012.

**Emanuel Micallef** xehed a fol *et seq* illi hu u huh kienu hadu self minghand Agostino Mifsud fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghain ewro, punt tlieta u sebghain centezmi (€23,293.73), ekwivalenti ghal ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000), fl-1990, u bdew ihallsu fl-1991. Xehed ili fil-prezent ma baqa' xejn x'jithallas lir-rikorrenti peress illi d-dejn gie mhallsa kollu, u anzi sar hlas oltre dak li kien dovut.

**In kontro-ezami** a fol *et seq* ikkonferma l-firma tieghu fuq l-iskrittura privata rigward is-self moghti mir-rikorrenti. **Xehed illi meta saret din l-iskrittura huma ma nghataw xejn flus, ghaliex il-flus kien inghataw fis-sena 1990.** Xehed ill rigward pagamenti u ricevuti dejjem kien jiehu hsieb huh Saviour, peress illi r-rikorrenti kienet il-kunjata tieghu.

**Pio Tabone** xehed a fol 60 *et seq* tal-process illi huwa kien jahdem bhala *accounts and administration officer* ghall-kumpanija ta' Emanuel Micallef, u sa kemm kien impjegat f'dan ir-rwol kien jiehu hsieb is-self li nghata lill-intimati mir-rikorrenti. Xehed illi l-intimati kienu jhallsu elf Liri Maltin (Lm1,000) fis-sena, u kkonferma li l-ammont kollhu gie mhallas mill-intimati, tant illi ghamlu hlas zejjed ta' elfejn, hames mija u sitta u ghoxrin ewro, punt tlieta u ghoxrin centezmi (€2,526.23).

**Ikkonsidrat;**

Din hija kawza ghall-hlas ta' somma mislufa mir-rikorrenti lill-intimati, ghaliex skont ir-rikorrenti, l-intimati ghamlu biss ftit pagamenti u ghalhekk baqa' bilanc sostanzjali dovut mill-ammont misluf. Mix-xhieda tar-rikorrenti **stess pero** jirrizulta *ictu oculi* illi l-fatti provati juru xorta ohra, u cioe illi l-intimati kienu ilhom mill-1991 jaghmlu pagament annwali ta' elf Liri Maltin (Lm1,000). Ir-rikorrenti tghid *ex admissis* illi dawn il-pagamenti annwali li kienu jaghmlu kien kollha sabiex jithallas l-imghax dovut, u **anzi fil-kontro-ezami taghha tghid illi l-intimati qatt mahallsu xejn mill-kapital.**

Ghalhekk il-Qorti hija moralment konvinta illi r-rikorrenti kienet qed izomm imghax bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fuq is-self moghti lill-intimati, u ghalhekk b'rata iktar gholja minn dik permessa mill-ligi.

Il-posizzjoni tal-Qrati taghna f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet hija wahda cara u kostanti. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Francesco Mifsud vs Leone Agius** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-7 ta' Marzu 1958, fil-kaz illi:

> "…***ir-rati li jithallsu jkunu jissuperaw ir-rata legali tal-imghax, il-flus imhallsin izjed minn dik ir-rata jikkostitwixxu uzura, u ghandhom jigu ridotti ghar-rata legali, u z-zejjed jigi mnaqqas mill-kapital***."

Dan huwa rifless fl-Artikolu 986 tal-Kodici Civili li jipprovdi li:

> "***kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' imgħaxijiet f'izjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu zejjed.***"

Il-Qorti hija konsapevoli illi l-intimati ma ressqux eccezzjoni ta' uzura. Pero essendo kwistjoni ta' ordni pubbliku, il-Qorti ghandha s-setgha illi tqajjimha hi *ex officio.* Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Edward Debono noe vs Jean Pierre sive Jean Borg**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016:

> "...***il-liġi ta' Malta tipprojbixxi rreklam ta' imgħax li jaqbeż it-8%, u talba għall-ħlas ta' imgħax in eccess hija meqjusa bħala użura kondannabbli anke bil-liġi kriminali; tali restrizzjoni hija meqjusa ta' ordni pubbliku***..."

Fid-dawl tax-xhieda moghtija f'din il-kawza, fejn ix-xhieda kollha, inkluz dik tar-rikorrenti qabblu illi l-intimati kienu jhallsu elf Liri Maltin (Lm1,000) fis-sena, u r-rikorrenti stess qalet illi l-hlas kien isir ghall-imghax biss, u qatt ma sar xi hlas fuq il-kapital, il-Qort hija moralment konvinta illi r-rikorrenti imponiet rata ta' imghax oghla minn dik permessa mill-ligi, u cioe rata ta' ghaxra fil-mija (10%). Ghalhekk l-obbligazzjoni tal-hlas ta' imghax hija nulla in kwantu ghal tnejn fil-mija (2%) zejda li r-rikorrenti kienet qed timponi fuq ir-rikorrenti. Minn dan isegwi illi r-rata tal-imghax trid titnaqqas ghal dik permessa mill-ligi, u kwalunkwe ammont zejjed ta' imghax imhallas mill-intimati ghandu jigi mnaqqas mill-kapital.

Kif jidher mill-prospett prezentat minn Pio Tabone Dok PT1 a fol 57, ix-xhieda ta' min ma gietx ikkontestata billi lanqas biss sar kontro-ezami tieghu, bi hlas ta' elf Liri Maltin (Lm1,000) fis-sena mis-sena 1991, l-intimati saldaw l-ammont kollu

dovut lir-rikorrenti, flimkien mal-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) u dan sas-sena fl-2012. Dan ifisser illi m'hemm l-ebda bilanc dovut lir-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tiddikjara nulla l-obbligazzjoni ta' imghax in kwantu tissupera l-oghla rata permessa mill-ligi; tirriduci ir-rata ta' imghax imposta fuq l-intimati ghal dik ta' tmienja fil-mija (8%); u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-intimati in vista tad-digriet taghha datat 16 ta' Frar 2015, tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimati u tastieni mill tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**